MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 159/2005/1

**Claire Borg nee` Cauchi**

**vs**

**Victor u Margaret konjugi Zammit**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Gunju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ic-citazzjoni bin-numru 1040/99 ipprezentata mill-attrici fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha l-attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti u wara li ppremettiet:

1. Illi l-partijiet kienu ffirmaw ftehim datat 21 ta' Gunju 1995, kif ukoll tat-12 ta' April 1996 bil-kundizzjonijiet hemm indikati ghall-izvilupp ta' arja fuq garaxx li jinsab fi Triq Bernardette, San Gwann, Dok "A" u Dok "B";

2. Illi hemm indikat b'mod car fi klawsola d li l-konvenuti kellhom jizviluppaw l-arja mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 1996, bil-konsegwenzi indikati fl-istess klawsola/ftehim;

3. Illi ghalkemm gew interpellati diversi drabi, l-konvenuti baqghu inadempjenti;

U konsegwentement talbet ghaliex m'ghandhiex il-qorti ndikata fl-istess citazzjoni:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom tort u li naqsu li jimxu skond il-kundizzjonijiet fil-ftehim fuq indikati;

2. Tikkndanna lill-konvenuti jhallsu l-flus kif indikat u spjegat fi ftehim fi skritturi privati hawn fuq indikati u cioe tal-21 ta' Gunju tas-sena 1995 u tat-12 ta' April tas-sena 1996;

3. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuti li huma ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici li kkonfermat il-premessi fuq riferiti:

Rat ukoll il-lista tax-xhieda u dik tad-dokumenti prodotti;

Tirrileva li skond it-timbru tan-notifika jirrizulta li l-konvenuti konjugi Zammit kienu gew debitament regolarment notifikati bl-att promotur ta' din il-procedura fit-13 t'Awissu ta' l-1999, (ara fol 14);

Rat ir-rikors tal-konvenuti datat is-7 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet

hemm premessi talbu lill-Prim’Awla tawtorizzhom jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ;

Rat il-verbal tal-qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat it-8 ta’ Mejju tas-sena 2001;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata t-18 ta’ Mejju tas-sena 2001 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talab lill-imsemmija qorti tirrigetta t-talba tal-konvenuti, (ara fol 30);

Rat id-digriet ta’ l-istess qorti datat il-25 ta’ Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu rriservat li tipprovdi fuq l-istess waqt is-smiegh sussegwenti u wara li tisma’ lir-rikorrenti bil-gurament, (ara fol 27);

Rat il-verbal tat-13 ta’ Gunju tas-sena 2001 fejn jirrizulta li l-qorti fuq indikata semghet lill-konvenut Zammit bil-gurament fuq ordni taghha stess; semghet it-trattazzjoni ta’ l-avukat fuq l-espisodju tal-kontumacja u differiet il-kawza ghad-decizjoni dwar it-talba tal-kontumaci, (ara fol 32);

Rat is-sentenza datata s-7 ta’ Marzu tas-sena 2002, fejn ghar-rikors taghhom tas-7 ta’ Mejju tas-sena 2001 fejn talbu li jkunu awtorizzati jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom, il-konvenuti gew dikjarati li kienu wrew raguni tajba biex jithallew jikkontestaw il-kawza u konsegwentement inghataw ghoxrin (20) gurnata mid-data ta’ l-istess sentenza;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata s-26 ta’ Marzu tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti;

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, in-nuqqas ta’ nteress guridiku ta’ l-attrici stante li l-ftehim li sar bejn il-

partijiet u li a bazi tieghu ittiehdet din l-azzjoni, m'ghadux aktar vigenti, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2. Illi l-attrici trid qabel xejn tindika x'inhuma n-nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuti li waslu ghal din il-kawza;

3. Illi fil-mertu, l-konvenuti osservaw skruplozament l-obbligi taghhom taht il-ftehim li kellhom ma' l-attrici, tant illi ghamlu partita xoghlijiet skond il-ftehim, u ohrajn fuq rikjesta taghha, u kienet pjuttost l-attrici li naqset taht l-istess ftehim meta minn jeddha u minghajr raguni valida rrifjutat il-fond, wara li obbligat ruhha li ser tikrih;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici fethet din il-kawza hesrem, hekk kif il-partijiet kienu ghadhom qed jiddiskutu kif ser jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom, u ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx ibatu spejjez;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti fejn iddiskrevew fil-qosor il-verzjoni taghhom, (ara fol 47);

Rat il-lista tax-xhieda minnhom kongjuntivament ipprezentata;

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-kawza odjerna giet trasferita ghall-istess qorti diversament preseduta;

Rat in-nota tal-konvenuti datata l-14 ta' Settembru tas-sena 2004 li permezz taghha ipprevalew ruhhom mill-artikolu 34 ta' Att IX tas-sena 2004 fejn ghazlu li l-kawza odjerna tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), (ara fol 66);

Rat il-verbal tat-13 ta’ Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-qorti precedenti ordnat li l-kawza odjerna tintbaghat quddiem din il-qorti sabiex tigi trattata u deciza minnha, (ara fol 67);

Rat il-verbal a fol 68-70 fejn fit-tlett udjenzi hemm indikati hadd mill-partijiet ma deher;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici u d-digriet konsegwenzjali, rispettivament datati l-21 u l-24 ta’ Novembru tas-sena 2005 fejn il-qorti odjerna ordnat li l-konvenuti kellhom jirrispondu ghall-imsemmi rikors sat-30 ta’ Novembru tas-sena 2005;

Rat ir-rikors tal-konvenuti datat id-19 ta’ Settembru tas-sena 2006;

Rat id-digriet taghha fir-rigward datat is-27 ta’ Settembru tas-sena 2006;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici datata t-18 ta’ ottubru tas-sena 2006;

Rat id-digriet finali taghha datat l-20 ta’ Ottubru tas-sena 2006 fejn cahdet it-talba tal-konvenuti rikorrenti;

Hadet konjizzjoni tax-xhieda mismugha precedentement minn fora differenti minnha;

Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura li minhabba l-loghba procedurali li tirrizulta, hadet tassew zmien inkonsiderat biex tigi

deciza in prim'istanza tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-vertenza odjerna tiddependi minn zewg skritturi privati redatti mill-partijiet f'din il-kawza, rispettivament datati l-21 ta' Gunju ta' l-1995 u t-12 t'April tas-sena 1996 u jirrigwardaw il-fond indikat mill-attrici fl-affidavit taghha tat-30 ta' Gunju tas-sena 2006, (ara fol 80);

2. Illi l-iskrittura datata l-21 ta' Gunju ta' l-1995 giet redatta quddiem l-Avukat Dottor Mark Busuttil, izda dik sussegwenti, ghalkemm tidher skrittura regolari, ma jirrizultax bi kjarezza quddiem min giet redatta ghaliex l-ahhar firma mhix legibbli izda l-attrici tafferma li saret ghand is-Sur Grech Mallia, (ara fol 80);

3. Illi in sintesi dawn l-iskritturi jindikaw is-segwenti:

a. Illi l-konvenut Zammit kellu jizviluppa l-fond indikat fl-istess skritturi skond is-sengha u l-arti;

b. Illi l-istess konvenut Zammit intrabat li jlesti x-xoghlijiet kollha nvoluti sal-31 ta' Dicembru ta' l-1996;

c. Illi fin-nuqqas il-kerrej, sussegwentement l-attrici fuq indikata kellha d-dritt bhala kerreja tal-fond de quo, li titlob il-flus li thallsu fl-iskrittura riferita oltre somma ekwivalenti ghal dik li tkun thallset kemm lis-sidien kif ukoll ghall-kwalunkwe benefikati li jsiru a spejjez taghhom, (ara fol 6 u 7);

d. Illi jirrizulta li sa-data pattwita, l-attur ma kienx ottempora fuqhu mal-kundizzjonijiet minnha assunti;

e. Illi nonostante dan, l-attrici ssostni li kienet gia' hallset lill-atturi s-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), (ara fol 80), izda aktar 'il quddiem issostni li effettivament hallset erbat elef, tlett mija u tnax –il Lira Maltin, (LM4,312.00,0), (ara fol 81), li aktar 'il quddiem gie ndikat bhala erbat elef, tmien mija u tnax –il Lira Maltin, (LM4,812.00,0), ara fol 83, stante il-pagament ta' multa ndikata fl-istess fol;

f. Illi ovvjament, sad-data pattwita, l-attrici kien kien impossibbli li tidhol fil-fond lilha mikri ghaliex l-attur ma kienx ottempora ruhu mal-kundizzjoni minnha assunta li jlesti l-post u jirrendieh abotabbli biezzejjed li jippermetti lill-attrici tiehu pussess tieghu;

g. Illi nonostante dan, l-attrici tat sitt (6) xhur cans lill-attur biex ikun jista' jottempora ruhu u jittermina x-xoghlijiet mehtiega, izda dan kien inutili;

h. Illi fil-frattemp, tramite l-mama' taghha, l-attrici skopriet li ghalkemm kien inhareg permess ghall-bini mill-awtorita' kompetenti, pero' dan kien skada stante li l-perjodu li ghalih kien inhareg dan il-permess kien skada inutilment;

i. Illi meta l-attrici rat hekk, riedet tavvala ruhha mill-kundizzjonijiet fl-iskrittura fuq indikata u talbet mhux biss ir-rexissjoni ta' l-istess ftehim pattwit, izda l-flus li kienet precedentement ghaddiet lill-konvenut Zammit;

j. Illi nonostante li l-konvenut jidher li kien informa lill-attrici li kien ser jirrifondi l-ammont precedentement sborzat mill-attrici, (ara fol 54), xorta ma zammx kelmtu u konsegwentement l-attrici kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi filwaqt li l-verzjoni attrici tidher li hi verosimili u timmerita l-avall ta' din il-qorti dik tal-konvenut ma tikkonvincix u qed tigi skartata ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi ma zammx mat-termini minnu stess accettati;

2. Illi nonostante li ha rigal konsistenti baqa' ma ottemporax ruhu mal-kundizzjonijiet pattwiti;

3. Illi l-inerzja tieghu halla wkoll jiskadi t-terminu tal-permess tal-bini minghajr ma jottempora ruhu mieghu;

4. Illi jirrizulta li ghalkemm ircieva l-ammonti ta' flus fuq indikati xorta baqa' ma zammx kelmtu ma' l-attrici u kien ghalhekk sors ta' deluzjoni kbira ghaliha;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandu jinghad li din allura qed tigi respinta stante li ghandu jkun abbundantement car li l-attrici ghandha nteress guridiku tipprocedi b'din il-procedura stante li sborzat ammont konsiderevoli ta' flus inutilment peress li l-attur ma ottemporax ruhu ma' l-obbligi minnu assunti fil-konfront ta' l-attrici biex ghalhekk jigi li amikkixxa ruhu ingustament mill-ingerwita' ta' l-attrici;

Illi rigward it-tieni eccezzjoni ghandu jinghad li l-attrici ppruvat dan bi kjarezza u sintetikament jinghad li l-konvenut:

1. ma beniex il-fond fit-terminu pattwit;

2. ma setax effettivament jaghmel hekk ghaliex il-permess ghal bini kien anke skada;

3. Illi x-xoghlijiet zghar li saru ma kienux ghall-altezza tal-ftehim;

Illi ghalhekk anke t-tieni eccezzjoni qed tigi respinta;

Illi tenut kont tal-impostazzjoni tat-tielet eccezzjoni ghar-ragunijiet kollha hawn esposti qed tigi respinta wkoll din it-tielet eccezzjoni;

Illi rigward ir-raba' eccezzjoni din il-qorti tqis li din effettivament tammonta ghal disprezz lejn din il-qorti li wara li ezaminat sew l-atti ta' din il-kawza jirrizulta assodat li l-procedura precedenti mehuda b'forma differenti tant gew abbuzati mill-konvenut li kwazi wiehed jista' jsostni liberament li dan anke abbuza mill-process gudizzjarju;

Illi ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi wkoll din ir-raba' eccezzjoni;

Ghaldaqstant, din il-qorti, tqis li l-attrici Claire Borg nee Cauchi ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement:

1. tiddikjara li l-konvenuti Victor u Margaret konjugi Zammit naqsu li jottemporaw ruhhom skond il-kundizzjonijiet tal-ftehim datata l-21 ta' Gunju ta' l-1995 u tat-12 t'April ta' l-1996;

2. Tiddikjara li konsegwenza ta' l-istess ikkagunaw danni lill-attrici Claire Borg nee Cauchi fl-ammont kompelssiv ta' erbat elef, tmien mija u tnax –il Lira Maltin, (LM4,812.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenuti Zammit fuq indikati biex ihallsu lill-attrici Claire Borg nee Cauchi l-ammont ta' erbat tlef, tmien mija u tnax-l Lira Maltin, (LM4,812.00,0), hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mis-6 ta' Mejju ta' l-1999 meta giet intavolata l-procedura odjerna

kontra l-istess konvenuti Victor u Margaret Zammit.”

L-appell tal-konvenuti minn din is-sentenza jikkonsisti prettament fl-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ta’ l-ipotesi tal-ligi. Dan huma jghiduh biex isostnu l-allegazzjoni illi huma wettqu l-obbligazzjonijiet assunti u kull nuqqas ghandu jkun imputabbli lill-istess attrici;

Bla dubju, trattasi hawnhekk ta’ rapport kontrattwali, il-manifestazzjoni tal-volonta` tal-partijiet hi dik espressa fl-iskrittura ta’ ftehim tal-21 ta’ Gunju, 1995 (ara kopja a fol. 4). Tant hu hekk li l-partijiet infushom, maggorment l-attrici, jinvokaw il-pattijiet ta’ dan il-ftehim bhala mezz ta’ prova rilevanti. Proprju, mill-interpretazzjoni ta’ dawn l-istess pattijiet wiehed jista’ jirrisali b’ certezza ghal dik il-volonta` komuni u reali tal-kontraenti. Hekk il-konvenuti appellanti kellhom fi zmien mhux aktar tard mill-31 ta’ Dicembru, 1996 jiehdu hsieb ikomplu jizviluppaw l-arja tal-*garage* proprjeta` taghhom skond il-modalitajiet maqbula u, sussegwentement, jghaddu l-binja in lokazzjoni lill-attrici versu r-rata ta’ affitt preventivament akkordata. Minn naha taghha l-attrici, li bi skrittura separata tat-12 ta’ April, 1996 (fol. 10) assumiet wahidha l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-precitata skrittura tal-21 ta’ Gunju, 1995 wara r-resiliment tal-gherusija mal-kontraenti l-iehor f’ dik l-iskrittura, kienet tenuta tivversa hlasijiet lill-konvenuti;

Ragonevolment, il-ligi tal-kuntratt li fih kienet konfluwita dik il-volonta` komuni, kienet tezigi li kull parti tadempixxi l-obbligazzjonijiet rispettivi assunti. Dan skond dik il-bwona fede ghal liema jirreferi l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, b’ mod li l-kontraenti wiehed kellu jassikura, b’ dover, li jhares u jikkonserva l-interessi tal-kontraenti l-iehor. Evidentement, hu mistenni dejjem li l-ezekuzzjoni ta’ kuntratt issir in armonija mal-pattijiet tieghu u, l-aktar, ma’ dik ta’ l-operazzjoni negozjali u ekonomika li l-partijiet kellhom in mira meta kkonkludewh;

Dan premess, u dejjem in tema generali ta’ dritt, ma jridx lanqas jintnesa illi fl-ezekuzzjoni ta’ l-obbligazzjonijiet il-ligi tirrikorri ghal mudell konswet tad-diligenza tal-*bonus paterfamilias,* ex-Artikolu 1132 (1), Kodici Civili. Li jfisser, li l-partijiet kellhom b’ dover primarju jaghtu ezekuzzjoni fidila lill-obbligazzjonjiet assunti ghax, fin-nuqqas, ikunu passibbli ghad-danni (Artikolu 1125, Kodici Civili);

Affermati dawn il-principji bazici tad-dritt f’ materja ta’ kuntratti, jirrizulta fil-kaz prezenti illi l-attrici appellata tattribwixxi inadempiment fil-konvenuti appellanti ghall-fatt illi dawn ma ottemperawx ruhhom mat-termini ta’ l-istipulazjonijiet ta’ bejniethom. Hi tikkontendi illi l-konvenuti kienu tardivi fix-xoghlijiet u naqsu milli jikkonsenjawlha l-fond saz-zmien miftiehem. Tallega wkoll illi x-xoghlijiet ma kienux muniti b’ permess ta’ l-Awtorita` kompetenti. Il-konvenuti appellanti, minn naha taghhom, jirribattu dawn l-allegazzjonijiet bis-sottomissjoni illi huma gew imqabbda jaghmlu xoghol differenti u oltre dak miftiehem. F’ kull kaz, li n-nuqqas ta’ permessi ma kienx jiggustifika l-atteggjament ta’ l-attrici li, arbitrarjament, tirrisolvi l-ftehim;

Il-presenza ta’ dawn il-posizzjonijiet opposti titlob mill-Qorti li taghmel is-segwenti konsiderazzonijiet ta’ dritt u ta’ fatt:-

(1) L-ewwel nett, kien jaggrava fuq l-attrici li taghmel il-prova ta’ l-inadempiment fil-konvenuti billi turi li dawn naqsu ghall-impenji kontrattwali taghhom. Din il-Qorti, fuq l-analisi komplessiva taghha tal-provi processwali, hi sodisfatta li din il-prova saret u li l-konvenuti kienu f’ ritard biex jikkompletaw ix-xoghlijiet saz-zmien appattwit. Dan, wara kollox, hu anke ammess mill-konvenut, anke jekk jittanta jfittex rifugju f’ tortijiet attribwibbli lill-attrici;

(2) Maghmula din il-prova kien jaggrava, imbaghad, fuq il-konvenuti li jipprovaw li dik l-inadempjenza kienet dovuta ghal xi fattur estern li tieghu ma kellhomx htija ghax huma imxew bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias*. Kif sewwa ritenut, id-debitur (intiz f' sens wiesgha) jibqa' dejjem responsabbli ghall-inadempiment ta' l-obbligazzjoni minnu assunta sakemm ma jipprovax li l-inadempiment kien dovut ghal kawza estraneja, forza magguri jew kawza fortuwita. Jekk din il-prova ma jaghmilhiex hu jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni mqabbdin minnu. Ara f' dan is-sens "**Mariano Sare` -vs- Antonio Ellul**", Appell Civili, 12 ta' Gunju, 1953. Ara wkoll Artikoli 1133 u 1134 tal-Kodici Civili. Ikollu jinghad in bazi ghall-evalwazzjoni tal-provi istruttorji illi din il-prova l-konvenuti appellanti ma ghamluhiex, jew, ghallanqas, mhux b' mod konklussiv u konvincenti;

(3) Din il-Qorti ma tistax taccetta l-proposizzjoni illi l-inadempiment ta' l-appellanti kien hekk ipprovokat minn xi ghemil jew att ta' l-attrici. Anzi, din tizmentixxi l-allegazzjoni tal-konvenuti illi qaltilhom li ma kienetx mghaggla jew biex jezegwixxu x-xoghlijiet aktar bil-mod. Ara xhieda taghha fol. 100 *et sequitur*. Anke x-xoghlijiet extra li ntalbu ma kienux tali, fil-fehma tal-Qorti, li jikkrejaw impedimenti biex l-ezekuzzjoni ma titlestiex fiz-zmien. Pjuttost, hu indikattiv illi fl-appellanti kien hemm tabilhaqq dik il-mankata osservanza ta' l-obbligu tad-diligenza li jippreciza l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili;

(4) Proprju mill-atti ma tista' tigi singolata l-ebda sitwazzjoni fejn l-attrici kienet hi wkoll inadempjenti. Jirrizulta bhala fatt illi hi dejjem effettwat il-hlasijiet li ntalbu lilha u ppersistiet ukoll mal-konvenuti biex ifittxu jadempixxu ruhhom, anke wara li dawn talbuha tatihom aktar cans. La ma gewx accertati inadempjenzi reciproci mhux il-kaz allura li din il-Qorti taghmel valutazzjoni komparattiva tal-kondotta taz-zewg partijiet;

(5) Fil-kumpless, l-entita` ta' l-inadempiment fil-konvenuti hi cara u din, fl-opinjoni tal-Qorti, tikkostitwixxi

kondizzjoni ta’ l-azzjoni b’ liema l-attrici rreklamat ir-rifuzjoni tal-flejjes erogati minnha;

L-appellanti jilmentaw ukoll mill-kundanna imposta fuqhom tal-hlas ta’ l-imghax mid-data ta’ l-intavolar tal-kawza (6 ta’ Mejju, 1999). Huma, invece, jippretendi li, se mai, l-interessi kellhom jibdew jghaddu mid-data tas-sentenza gjaladarba hu bis-sentenza li s-sorte gie likwidat. B’ din is-sottomissjoni hu wisq evidenti illi l-appellanti qeghdin jikkollegaw ruhhom ghal dik tal-massima antika “*in illiquidis non fit mora*”. Ara **Kollez. Vol. XIX P I p 83**, **Vol. XX P I p 83** u **Vol. XXXVI P I p 181**, fost bosta ohrajn;

Ta’ min ifakkar pero` li dan il-principju mhux assolut u, anzi, il-gurisprudenza tirrikonoxxi temperament tieghu fil-kaz ta’ debiti ta’ facli likwidazzjoni jew fejn il-likwidazzjoni tigi dilazzjonata bi htija tad-debitur. Ara, b’ ezemplari, “**Vincent Grech *et* -vs- Onor. Professur AIC John Gatt *nomine***”, Appell Civili, 24 ta’ Ottubru, 1941; “**Mary Boffa -vs- Stella Camilleri**”, Appell Civili, 12 ta’ Frar, 1980 u “**Mario Sacco -vs- Peter Muscat Scerri *et nomine***”, Appell, 31 ta’ Jannar, 2003;

Il-kaz prezenti jaqa’ f’ wiehed mill-eccezzjonijiet ghall-princpju. Il-konvenuti appellanti kienu jafu precizament kemm kien jilhaq id-debitu taghhom ghax huma rcevew il-hlasijiet minghand l-attrici. Dippju, ghalkemm kif jirrizulta mix-xhieda ta’ l-attrici u ta’ missierha Carmel Cauchi, l-appellanti weghdu bosta drabi li jirrifondu s-somma, huma baqghu, anke f’ dan, inadempjenti. Mhux sewwa allura, f’ cirkostanzi bhal dawn, illi l-appellanti ghandhom jiffrankaw il-hlas ta’ l-imghax sakemm l-ammont ikun gudizzjalment likwidat. Ara f’ sens konformi s-sentenzi fl-ismijiet “**Antonio Buttigieg -vs- Salvatore Said**”, Qorti tal-kummerc, 15 ta’ Jannar, 1952 u “**Francis Xavier Aquilina -vs- Andrew Mamo *nomine***”, Appell, 19 ta’ Novembru, 2001.

Ghal dawn il-motivi kollha superjorment dedotti l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------